MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru. 328/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Terry Graham**

**Illum, 18 ta' Settembru 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Terry Graham ta' 31 sena, iben Joseph u Mary xebba Ciantar, imwieled Mtarfa nhar il-5 ta' Mejju 1976 u residenti Plot 11, 'La Mirage', Ghar Barka Street, Rabat u detentur tal-karta tal-identita` numru 224876(M)

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fl-1 ta' Marzu 2008 u fis-sitt xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) U fl-ahhar nett talli huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ Mejju 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga’ tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2010, waqt ix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, l-Ispettur Aquilina rega' ddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika minn dan l-artikolu tal-ligi;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi l-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddeciedi din il-Qorti tirrigwarda l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rrilaxxjata mill-imputat.

Ghalkemm fit-trattazzjoni finali quddiem din il-Qorti, id-difiza qalet illi ma kinitx qeghda tikkontesta l-validita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan minhabba n-nuqqas ta' assistenza legali qabel ma huwa tkellem mal-pulizija, fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, mizmuma quddiem din il-Qorti diversament preseduta, gie vverbalizzat illi "*Dr. Charmaine Cherrett ghall-imputat taghmel referenza ghall-istqarrija esebita fl-atti bhala Dok. VA a fol. 12 u titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni tal-fatt tal-izviluppi legali ricenti li graw relatati mat-tehid tal-istqarrija tal-imputat*".[1]

Ghal kull buon fini, u minkejja li fit-trattazzjoni finali, id-difiza donnha kienet qeghda tirtira din il-kontestazzjoni taghha, il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar dan il-punt.
Mhuwiex kontestat illi fil-jum li fiha ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fit-2 ta' Marzu 2008, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-

[1] A fol. 47 tal-process.

sehh fl-10 ta’ Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta’ Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista’ jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F’dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi “*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur*.”

F’dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq u dan ghaliex *inter alia*:

1. Meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrenti kien ragel matur li diga` kien qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta’ interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta’ vulnerabilita` hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn isir l-interrogatorju.

2. Ir-rikorrenti kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa’ sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta’ jaghmilha minghajr konsegwenzi ta’ xejn u cioe` minghajr ma ssir l-ebda inferenza mill-fatt li huwa jibqa’ sieket.

3. Sakemm infethet il-kawza, ir-rikorrenti qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li kien fiha.

Il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet dan l-insenjament taghha fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, deciza fit-12 ta' Novembru 2012, izda f'dan il-kaz waslet ghall-konkluzjoni illi fil-fatt kien gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq tal-akkuzat ghaliex *inter alia*:

1. Ghalkemm l-akkuzat diga` kellu xi kundanni fil-fedina penali qabel il-mument tal-interrogazzjoni, ma rrizultax li qatt kien skonta sentenza ta' prigunerija u lanqas ma rrizulta illi huwa kellu xi esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija jew kien involut fi tfittxija kif fil-fatt saritlu.

2. Ghalkemm l-akkuzat kien suspettat bit-twettiq ta' reat, qabel ma bdiet it-tfittxija fir-residenza ta' ommu, huwa ma nghatax it-twissija li kellu jedd jibqa' sieket sabiex ma jinkriminax ruhu.

Fis-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius**, ghalkemm huwa minnu illi l-Qorti Kostituzzjoni kkonkludiet illi l-uzu tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata f'dak il-kaz, ikun bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ghaliex din ma nghatatx l-opportunita` li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni, madankollu, l-istess Qorti regghet irribadiet l-insenjament taghha fiz-zewg sentenzi hawn fuq citati. Fil-fatt, din is-sentenza hija fuq l-istess binarju ta' sentenza ohra moghtija fl-istess jum ossia dik fl-ismijiet **Pulizija vs Tyrone Fenech**, fejn inghad hekk:

"… *il-qorti tibda biex tghid illi l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita` li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh*

*xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*

*… Ghalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-kaz ta' Salduz illi tghid illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal, ghalhekk biss u ipso facto, ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq*[2]*, madankollu jista' jigri, indipendentement minn x'intqal f'Salduz, illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq, mhux ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda ghax l-istqarrija tkun ittiehdet abuzivament u ma tkunx ta' min joqghod fuqha.*

*… Din il-qorti ga` osservat illi l-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma dahal fis-sehh l-Art. 355AT tal-Kodici Kriminali l-jedd ghal parir ta' avukat kien maghruf bhala element tal-jedd ghal smigh xieraq bil-hsieb illi jitharsu persuni illi, minhabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita`, djghufija jew biza', setghu jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex. L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi biex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija.*"

F'dak il-kaz, stante illi l-imputat kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta ghamel l-istqarrija, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi jista' jkun li minhabba l-eta` tieghu, huwa kellu dik il-vulnerabilita` u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal ghal ksur tal-Artikolu 6. L-istess gie deciz fil-kaz **Pulizija vs Amanda Agius**, fis-sens illi minhabba l-eta` taghha, hija wkoll kellha dik il-vulnerabilita`.

Dawn il-principji regghu gew ribaditi f'sentenza ohra ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' April 2013, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** u f'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-gurisdizzjoni superjuri taghha

[2] Il-Qorti hawnhekk ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, u sentenza ohra fl-ismijiet Joseph Bugeja vs Avukat Generali (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013).

fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta’ Malta vs Antonio Abdilla et** tad-9 ta’ Mejju 2013.

Fil-kaz odjern, meta ttiehdet l-istqarrija, l-imputat kellu 31 sena u kien diga` skonta zewg pieni ta’ prigunerija in konnessjoni ma’ reati identici ghar-reat li dwaru kien qed jigi interrogat mill-pulizija. Huwa evidenti ghalhekk illi l-imputat kien midhla sew tal-pulizija u tal-mod kif isiru l-interrogazzjonijiet u ma kienx ser jintimida ruhu bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju tieghu.

L-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu u ma allegax illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort’ohra meta ghamel l-istess stqarrija. Il-presenza ta’ avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li dan fil-fatt sehh fil-kaz tieghu. Minkejja n-nuqqas ta’ ghajnuna ta’ avukat, ghalhekk, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrija tal-imputat. L-imputat kien ukoll inghata s-solitu twissija, qabel ma rrilaxja l-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jinghad jista’ jingieb bhala prova.

Minghajr ebda dubju, huwa nieqes dak l-element ta’ vulnerabilita`, biex bhal f’kazijiet ohra inkluz dak ta’ Salduz, jinstab illi hemm ksur ta’ drittijiet fundamentali. Ma jirrizultax li hemm xi perikolu oggettiv illi minhabba fin-nuqqas ta’ assistenza minn avukat meta huwa rrilaxxja l-istqarrija, ser jigi lez id-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-imputat bhala prova ammissibbli f’dawn il-proceduri.

L-ezercizzju li ghandha u li sejra twettaq din il-Qorti huwa illi tanalizza jekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gewx pruvati mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull

dubju dettat mir-raguni, kif trid il-ligi. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tifli l-provi mressqa fir-rigward ta' kull imputazzjoni.

a) *Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina*

Fl-1 ta' Marzu 2008, il-Pulizija waqfu lill-imputat fil-vicinanzi tad-*Detox* wara li dahlitilhom informazzjoni fis-sens illi huwa kellu d-droga fil-pussess tieghu.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2010, xehed PC 626 Giancarlo Benetti. Huwa qal illi fl-1 ta' Marzu 2008, ghall-habta tal-10.45am, dahlet informazzjoni fis-sens illi l-imputat, li kien qed jaghmel uzu mill-vettura Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni BBN 501 u li kien qieghed fl-akkwati tad-*Detox*, kellu d-droga fuqu. Huwa mar fuq il-post, fejn seta' josserva din il-vettura pparkjata, flimkien ma' PC 1589, PC 960 u PC 765.[3] Skond PC 960 Pierre Vassallo, li xehed fl-istess seduta, il-pulizija osservat lill-imputat diehel u hiereg mid-*Detox*.[4] L-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija, hekk kif saq fil-pjazza hdejn id-*Detox.* [5] PC 626 qal illi hekk kif il-pulizija kienu ser inizzlu lill-imputat mill-vettura tieghu, huwa pprova jsuq, izda gie mrazzan.[6] Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, irrizulta li fil-but tal-lemin tal-gakketta tieghu, huwa kellu borza bi trab suspettuz. L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Pieta`. Waqt *strip search* li saret fuq l-imputat, irrizulta li fuq il-persuna tieghu, l-imputat kellu landa tal-helu li kienet tikkontjeni hames pakketti bi trab suspettuz u kuccarina.[7] Ix-xhud gie muri l-

---

[3] Xhieda ta' PC 626 Giancarlo Benetti, a fol. 20 tal-process.

[4] Dan gie kkonfermat minn PC 765 Paul Vella Cassia, a fol. 28 tal-process.

[5] A fol. 26 tal-process.

[6] F'dan is-sens xehdu wkoll PC 1589 Tariq Sheikh, a fol. 23 tal-process, PC 960 Pierre Vella, a fol. 26 tal-process, u PC 765 Paul Vella Cassia (a fol. 28 tal-process).

[7] PC 1589 Tariq Sheikh ikkonferma illi fuq il-post, waqt *frisk search* instab "*pakkett*" fil-but tal-lemin tal-imputat. Sussegwentement, waqt *strip search* gewwa l-ghassa, instabet landa, b'hames pakketti ohrajn fl-istess landa, fuq il-persuna tal-imputat. Waqt ix-xhieda tieghu, PC 1589 gie muri l-landa u l-pakketti li nstabu fiha u kkonferma li dawk kienu l-landa u l-pakketti li kien xehed dwarhom (a fol. 24 tal-process). Dan kollu gie kkonfermat ukoll minn PC 960 Pierre Vella li qal li fil-landa misjuba fil-pussess tal-imputat waqt li saritlu *strip search*, kien hemm hames boroz bi trab suspettuz u zewg kuccarini. Dan apparti l-borza li nstabet fuq l-imputat fil-but tal-lemin tal-gakketta

landa, l-pakketti b'sustanza kannella u l-kuccarini, li gew esebiti bhala Dok. VA2 fl-istess seduta, u kkonferma illi dawn kienu l-oggetti misjuba fuq l-imputat.[8]

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2010, l-Ispettur Victor Aquilina xehed illi fl-1 ta' Marzu 2008, ghall-habta tal-10.45a.m., huwa gie infurmat mill-membri tal-*Mobile Squad* u membri tal-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, illi kienu ghadhom kemm waqfu lil certu Terry Graham, ossia lill-imputat odjern. Huwa xehed ukoll illi waqt tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu, instabu droga suspettata eroina, *citric acid*, u mgharfa. Sussegwentement, skond l-istess xhud, minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, instabu xi siringi uzati, mizien elettroniku, *citric acid* u filters tas-sigaretti.[9] PC 599 Clive Mangion ikkonferma illi huwa kien mar gewwa l-Ghassa tal-Pieta` flimkien mal-Ispettur Victor Aquilina wara li kien gie arrestat l-imputat, li fuqu kienu nstabu sitt iqratas zghar tal-*plastic* li kienu jikkontjenu trab kannella suspettat eroina u landa zghira, b'zewg kuccarini go fiha. Dan ix-xhud kien ghamel tfittxija fil-vettura tal-imputat li rrizultat fin-negattiv.[10]

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2011, PC 1065 Neville Grech xehed illi fl-1 ta' Marzu 2008, flimkien ma' PS 1174, huwa ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat. Minn hemmhekk gew elevati xi siringi uzati, mizien elettroniku, *citric acid* u xi loqom tas-sigaretti li kienu go garza. Din it-tfittxija saret fil-presenza tal-imputat, li wara gie akkumpanjat mill-pulizija ghall-izjed investigazzjonijiet.[11] In kontro-ezami, huwa xehed illi l-imputat kien jghix fir-residenza fejn instabu l-imsemmija oggetti, flimkien mal-genituri tieghu.

---

tieghu, meta saritlu tfittxija fuq il-post. Meta muri l-landa tal-helu li giet esebita mill-Ispettur Victor Aquilina, huwa kkonferma li din kienet il-landa tal-helu li semma fix-xhieda tieghu u l-pakketti li kienu fiha (a fol. 26 u 27 tal-process). PC 765 Paul Vella Cassia wkoll ikkonferma illi waqt *frisk search* li saret fuq il-persuna tal-imputat, instab pakkett bi trab suspettuz fil-but tal-lemin tal-gakketta tieghu. Huwa ma kienx prezenti ghat-tfittxija ulterjuri li saret lill-imputat izjed tard fl-Ghassa tal-Pulizija (a fol. 28 u 29 tal-process).

[8] A fol. 21 tal-process.

[9] Xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina, a fol. 9 tal-process.

[10] Xhieda ta' PC 599 Clive Mangion, a fol. 33 tal-process.

[11] Xhieda ta' PC 1065 Neville Grech, a fol. 35 tal-process.

Dawn l-affarijiet instabu imxerrdin mad-dar, imma kien hemm xi oggetti li tahom lill-pulizija, l-imputat stess.[12]

L-Ispettur Aquilina xehed illi fit-2 ta’ Marzu 2008, meta l-imputat kien qieghed fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u wara li diga` kien inghata s-solita twissija diversi drabi – fil-presenza ta’ WPS 12 Andrea Grech u ta’ l-Ispettur Stephen J. Gatt – huwa ammetta li kien ibiegh id-droga eroina ossia li kien ibiegh kwantita` ta’ 0.25 gramma bil-prezz ta’ Lm15.[13]

L-Ispettur Aquilina xehed ukoll illi l-imputat kien imbaghad irrilaxxja stqarrija, ghall-habta tal-3.45p.m., fil-presenza tieghu u ta’ WPS 12 Andrea Grech, u dan wara li huwa kien inghata s-solita twissija, li diga` kienet inghatatlu diversi drabi.  L-Ispettur Aquilina qal illi fl-istqarrija madankollu, l-imputat ma regax irrepeta dak li kien qal qabel, ossia li kien ibiegh id-droga eroina, izda qal illi d-droga kienet ghall-uzu personali tieghu u li huwa kellu mizien sabiex ikun jista’ jizen id-droga li jkunu tawh. Skond l-istess xhud, l-imputat cahad li huwa kien ibiegh id-droga eroina.[14]  L-Ispettur Aquilina esebixxa *inter alia* id-droga misjuba ossia hames *sachets*, b’*sachet* minnhom ikbar mill-ohrajn, li kienu lkoll jikkontjenu sustanza kannella suspettata eroina, kif ukoll landa bi frawli fuqha, garza, mizien elettroniku, *citric acid*, mgharfa mahruqa u siringi godda.[15]

L-Ispettur Aquilina ddikjara illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.[16]

Fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2010, xehdet WPS 12 Andrea Grech li kkonfermat illi hija kienet xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.  Hija kkonfermat il-firem taghha fuq

---

[12] A fol. 36 tal-process.  Fis-seduta tal-14 ta’ Mejju 2012, PS 1174 Adrian Sciberras xehed illi fl-1 ta’ Marzu 2008, huwa kien ghamel tfittxija fir-residenza tal-imputat, fil-presenza tal-istess imputat, f’liema residenza kienu joqoghdu wkoll il-genituri tieghu.  Saret tfittxija fil-kamra tieghu u anke fuq il-bejt.  Mill-istess tfittxija, gew elevati xi siringi uzati, mizien elettroniku u *filters* tas-sigaretti li kienu mremblin (a fol. 45 u 46 tal-process).

[13] A fol. 10 tal-process.

[14] A fol. 10 tal-process.

[15] A fol. 10 tal-process.

[16] A fol. 11 tal-process.

l-istess stqarrija, kif ukoll il-firem tal-Ispettur Aquilina u tal-imputat. Ikkonfermat ukoll illi l-imputat inghata s-solita twissija qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tieghu.[17] Meta giet mistoqsija jekk qabel ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, kinitx prezenti fl-ufficju filghodu, fl-istess jum, hija kkonfermat li kienet prezenti flimkien mal-imputat u l-Ispettur Aquilina u li kien prezenti wkoll l-Ispettur Gatt. Din ix-xhud qalet ukoll illi l-imputat kien ammetta illi d-droga li nstabet fuqu kienet biex tinbiegh. Madankollu, sussegwentement, fl-istqarrija tieghu, l-imputat cahad illi kien qal dan il-kliem.[18]

Fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011, xehed l-Ispizjar Mario Mifsud u pprezenta r-relazzjoni tieghu.[19] Mill-istess relazzjoni[20] u mix-xhieda[21] tal-istess Mario Mifsud, jirrizulta illi ma nstabux sustanzi llegali fil-landa tal-metall u fil-kuccarina tal-metall, liema landa u kuccarina instabu fuq il-persuna tal-imputat. Lanqas ma nstabu sustanzi llegali fis-siringa[22], fil-mizien elettroniku u fil-kuccarina tal-metall li nstabu fir-residenza tal-imputat.

L-Ispizjar Mifsud ikkonkluda wkoll illi t-trab abjad li nstab f'borza zghira tal-*plastic* fir-residenza tal-imputat kien *citric acid*, li ghalkemm mhijiex sustanza li hija kkontrollata bil-ligi, tista' tigi wzata fit-tehid tas-sustanza eroina u dan sabiex din is-sustanza eroina tkun tista' tigi mahlula fl-ilma qabel din tkun tista' tigi njettata.[23] Fit-trab ta' lewn kannella car (li nstab fuq il-persuna tal-imputat), f'ammont nett totali ta' 0.10 grammi, instabu s-sustanza *Paracetamol* u kaffeina, liema sustanzi mhumiex ikkontrollati mil-ligi.[24]

Instabu tracci ta' sustanza eroina fuq kuccarina zghira tal-*plastic* ta' lewn abjad (li nstabet fuq il-persuna tal-imputat).

[17] Xhieda ta' WPS Andrea Grech, a fol. 18 tal-process.
[18] A fol. 19 tal-process.
[19] A fol. 43 tal-process.
[20] Pagna 5 tar-relazzjoni.
[21] A fol. 40 u 41 tal-process.
[22] Irid jinghad illi mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud, jirrizulta illi huwa nghata ghall-analizi *inter alia* erba' siringi tal-5ml mhux uzati, siringa tal-5ml li kienet uzata u tnejn u ghoxrin labra ta' siringi mhux uzati (pagni 2 u 3 tar-relazzjoni).
[23] Pagna 4 u 5 tar-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud; xhieda a fol. 40 u 41 tal-process.
[24] Pagna 4 u 5 tar-relazzjoni tal-Ispizjar Mifsud; xhieda a fol. 41 tal-process.

In oltre fit-trab ta' lewn kannella skur li kien hemm f'hames boroz zghar tal-*plastic* (li nstabu fuq il-persuna tal-imputat), f'ammont nett totali ta' 3.60 grammi, instabet is-sustanza eroina. Il-piz rispettiv ta' dawn il-boroz kien is-segwenti:- 2.31 grammi, 0.68 grammi, 0.23 grammi, 0.21 grammi u 0.17 grammi.[25] Il-purita` medja tat-trab kannella skur ghas-sustanza eroina kienet ta' cirka 4.2%. Is-sustanza eroina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fix-xhieda tieghu, l-Ispizjar Mifsud spjega illi din il-purita` hija wahda baxxa, izda minn ammont ta' 3.6 grammi, "*tista' tohrog qisu 36 qartas*".[26] Huwa xehed ukoll illi *on average*, doza wahda tikkonsisti f'0.1 gramma (qartas). Mistoqsi mill-Qorti kemm idum l-effett tal-eroina, huwa wiegeb illi dan jiddependi minn kemm ikun juza droga l-persuna u jiddependi wkoll mill-purita`, li f'dan il-kaz kienet baxxa.[27]

Fl-istqarrija rilaxxata minnu fit-2 ta' Marzu 2008, fl-3.45pm, l-imputat qal illi huwa jahdem fil-*breeding* tal-grieden u li kien ilu xi seba' snin jaghmel dan ix-xoghol. Huwa spjega x'kien gara fil-jum ta' qabel meta gie arrestat ossia illi huwa kien mar ghall-mistura u hekk kif kien sejjer lejn id-dar, gie mwaqqaf mill-pulizija u saret tfittxija fuq il-persuna tieghu. Qal illi huwa ttiehed fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Pieta` u meta saret tfittxija ulterjuri fuq il-persuna tieghu, nstab li huwa kellu kaxxa tal-hadid li go fiha, kien hemm id-droga eroina. Huwa kkonferma illi l-landa li giet murija lilu flimkien mad-droga li nstabet gewwa fiha, kienu fil-fatt l-oggetti li nstabu fuqu.[28]

L-imputat stqarr illi l-mizien elettroniku li nstab fir-residenza tieghu kien juzah sabiex "*nara li l-ammont li xtrajt huwa sew*"[29] u li s-siringi u s-*citric acid* kien juzahom biex jiehu d-droga bihom. Huwa kien jizen id-droga gol-

---

[25] Pagna 4 tar-relazzjoni.
[26] A fol. 41 tal-process.
[27] A fol. 42 tal-process.
[28] Stqarrija tal-imputat, a fol. 12 tal-process.
[29] A fol. 13 tal-process.

borza fuq il-mizien u kien ikollu madwar 5.3 grammi, ghaliex huwa dejjem kien jixtri hames grammi. L-imputat qal ukoll illi l-ahhar li kien xtara droga, huwa kien hallas Lm60 ghal kull gramma u b'kollox kien xtara hames grammi u hallas €698. Huwa qal li kien jiehu madwar 0.3 gramma kuljum u kien jixtri darbtejn jew tlieta fix-xahar, skond meta tispiccalu d-droga.

Meta gie mistoqsi jekk hux minnu li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu fil-jum ta' qabel ma kinitx kollha ghalih, huwa qal li dan ma kienx minnu u li "*dik kienet kollha ghalija*".[30] Mistoqsi wkoll jekk kienx minnu illi l-mizien elettroniku kien ghandu sabiex huwa jizen id-droga, biex imbaghad ikun jista' jbieghha f'ammonti izghar, huwa nnega dan ukoll. Meta mistoqsi jekk jikkonfermax illi dakinhar stess, fil-ghodu, fil-presenza tal-istess Surgent li kienet prezenti ghall-istqarrija, u fil-presenza tal-Ispettur Stephen Gatt, huwa ammetta li jbiegh id-droga f'pakketti ta' 0.25 grammi bil-prezz ta' Lm15 ekwivalenti ghal €35, l-imputat qal li dan ma kienx minnu[31] u meta rega' gie mistoqsi dwar dan izjed tard waqt li kien qed jirrilaxxja l-istqarrija, huwa rega' cahad li kien qal dakinhar stess, fil-ghodu, illi kien ibiegh id-droga[32]. Huwa qal li kien ghadu ma hallasx ghad-droga li nstabet fuqu.

Meta mistoqsi kemm kellu dhul mix-xoghol tieghu, huwa qal li kien jaqla' bejn Lm150 u Lm130 fil-gimgha. Meta mistoqsi kif kien ilahhaq mal-hajja jekk b'kollox kien jixtri b'Lm900 droga fix-xahar, meta kull ma kienx jaqla' izjed minn Lm600 f'xahar, huwa qal li jixtri b'kemm ikollu flus. Mistoqsi wkoll jekk kienx minnu illi biex ilahhaq mal-hajja u mal-ispiza li jinvolvi l-abbuz tad-droga, huwa kien ikollu jbiegh id-droga, l-imputat rega' sostna li dan ma kienx minnu.[33] Meta mistoqsi ghaliex instabet fuqu borza wahda b'ammont kbir ta' droga, kif ukoll erba' boroz zghar bid-droga, l-imputat qal "*biex nehodhom pakkett, pakkett*". Mistoqsi wkoll ghalfejn kellu diga` 4 pakketti lesti ladarba huwa kien jiehu 0.3 gramma kuljum, l-imputat qal illi huwa

[30] A fol. 13 tal-process.
[31] A fol. 13 tal-process
[32] A fol. 14 tal-process.
[33] A fol. 13 tal-process.

kien izommhom fuqu ghax ma jhallihomx id-dar biex ommu ma tindunax[34] u li kien iqassamhom minn qabel f'pakketti, biex ma joqghodx jizen kuljum[35]. L-imputat qal ukoll illi huwa ilu jabbuza mid-droga ghal dsatax-il sena.

Fix-xhieda tieghu, moghtija fil-15 ta' Mejju 2013, l-imputat xehed illi s-sustanza li kienet instabet fuqu kienet ghall-uzu personali tieghu. Huwa ma kienx ihalli droga d-dar, ghaliex ommu kienet marida dak iz-zmien[36] u ma riedx li ommu ssib id-droga. Matul il-lejl ta' qabel, huwa kien raqad ghand it-tfajla tieghu u ghalhekk garr id-droga eroina mieghu[37]. Huwa xehed illi d-droga dejjem kien izommha fuqu.[38] Filghodu kien sejjer id-dar, wara li kien ha l-mistura, u gie mwaqqaf mill-pulizija.[39]

L-imputat xehed illi huwa kien *heavy user* tad-droga eroina, li kien jabbuza mid-droga kuljum u li kien jiehu madwar tlett grammi kuljum[40], li jekk taqsamhom fi qratas, jigu madwar disat iqratas kuljum. Meta mistoqsi ghaliex id-droga kienet maqsuma fi qratas, ladarba din id-droga kienet ghall-uzu personali tieghu, l-imputat xehed illi huwa kien jaqsam id-droga huwa stess fi qratas[41], sabiex ikun jaf xi droga qed jiehu, ma jaqbadx u jiehu bl-addocc[42] u ma jiehux *overdose*[43]. In oltre huwa qal illi peress illi huwa kien jahbi l-mizien ghand ommu, kull darba li jizen kien ikollu joqghod johrog il-mizien u ghalhekk biex ma taqbdux ommu, huwa ma kienx jizen id-droga kuljum.

L-imputat xehed illi huwa ma kienx jixtri droga kuljum u li kien jixtri madwar hames grammi li kienu jkunu f'daqqa. Huwa qal illi kien jixtri droga "*Kull jumejn. Skond. Ifhem ma kellix habit ezatt. Gieli qabel, gieli wara, gieli kull 3 ijiem. U fil-verita` kemm kont naqla flus*"[44]. Wara l-

---

[34] A fol. 13 tal-process.
[35] A fol. 14 tal-process.
[36] Xhieda tal-imputat, a fol. 50 tal-process.
[37] A fol. 51 tal-process.
[38] A fol. 56 tal-process.
[39] A fol. 51 tal-process.
[40] A fol. 51 tal-process.
[41] A fol. 52 tal-process.
[42] A fol. 52 tal-process.
[43] A fol. 54 tal-process.
[44] A fol. 53 tal-process.

imputat qal illi mhux dejjem kien jiehu tlett grammi kuljum, imma li gieli hadhom kuljum. Mistoqsi kemm kienet ser isservih, bejn wiehed u iehor, id-droga li nstabet fuqu, l-imputat qal li kien ghadu kif xtraha, "*jigifieri nahseb jiena dak inhar, l-ghada hux. Jumejn*".[45]

L-imputat xehed ukoll illi huwa kien iqieghed madwar 0.3 gramma f'kull qartas ghaliex bejn wiehed u iehor kien jaqsam gramma fi tlieta.[46]

Huwa qal illi dak iz-zmien kien irabbi l-grieden u jbieghhom fil-*pet shops.* Kien jaqla' skond l-ordnijiet li jidhlulu, imma qal illi gieli qala' Lm300 jew Lm400 fil-gimgha. Rega' qal ukoll illi ma kienx jiehu dejjem l-istess bhala droga. Huwa kien ibiegh il-grieden biex isostni l-vizzju li kellu minn meta kellu madwar tnax-il sena.[47]

Meta mistoqsi jekk kienx ser ibiegh id-droga lil xi hadd jew kienx se jaqsamha ma' xi hadd jew kienx ser jaghmel pjacir lil xi hadd, huwa cahad dan.[48] Izjed tard fix-xhieda tieghu, huwa rega' sostna illi d-droga li nstabet fuqu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.[49] L-imputat xehed ukoll illi huwa kien ghadu kif hareg mid-*Detox* meta gie mwaqqaf mill-pulizija u li kellu biss xi haga zghira tal-flus fuqu.[50]

In kontro-ezami, l-imputat rega' cahad illi huwa kien qal lill-Ufficjal Prosekutur illi d-droga kienet ghandu sabiex jittraffikaha.[51]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:-

**"Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub <u>kemm ukoll bil-fomm</u>, tista' tittiehed bi prova**

[45] A fol. 55 tal-process.
[46] A fol. 55 tal-process.
[47] A fol. 54 tal-process.
[48] A fol. 55 tal-process.
[49] A fol. 56 tal-process.
[50] A fol. 56 tal-process.
[51] A fol. 57 tal-process.

**kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi"** (sottolinear mizjud).

In oltre ghalkemm skond l-Artikolu 659(1), meta l-konfessjoni titnizzel bil-miktub filwaqt li tigi maghmula, il-kitba ghandha tigi pprezentata u huwa biss jekk jigi muri li l-kitba giet meqruda jew mitlufa illi tista' minflok, issir il-prova bil-fomm sabiex tigi ppruvata s-sustanza ta' dik il-konfessjoni, l-Artikolu 659(2) ikompli jghid illi:

**"Xejn f'dan l-artikolu ma jimpedixxi li tittiehed bhala prova kull konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara**" (sottolinear mizjud).

M'hemm l-ebda dubju li dak li l-imputat stqarr bil-fomm mal-Ispettur Victor Aquilina, fil-presenza ta' WPS 12 Andrea Grech u tal-Ispettur Stephen Gatt, stqarru b'mod ghal kollox volontarju u dik l-istqarrija verbali tieghu "*ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi*".

Madankollu hemm dubju dwar dak li stqarr l-imputat mal-imsemmija ufficjali tal-pulizija. Fil-waqt li l-Ispettur Victor Aquilina xehed illi l-imputat ammetta li kien ibiegh id-droga eroina u li kien ibiegh 0.25 gramma bil-prezz ta' Lm15, WPS 12 Andrea Grech li kienet prezenti waqt din l-istqarrija bil-fomm tal-imputat, xehdet illi l-imputat kien ammetta illi d-droga misjuba fuqu kienet intiza biex tinbiegh. Il-prosekuzzjoni ma ressqitx it-tielet ufficjal tal-pulizija ossia lill-Ispettur Stephen Gatt, li kien ukoll prezenti waqt din l-istqarrija tal-imputat.

Fil-waqt illi l-verzjoni moghtija mill-Ispettur Aquilina tista' twassal ghal sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni kif imposta kontra l-imputat, il-verzjoni ta' WPS 12 Andrea Grech tista' twassal ghal htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ta' pussess aggravat, izda mhux ghall-htija dwar l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar, ghax anke jekk id-droga li nstabet fuqu kienet intiza sabiex

tinbiegh – u ghalhekk ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat – ma jfissirx necessarjament u b'daqshekk illi l-imputat kien forna u pprokura d-droga eroina dakinhar tal-1 ta' Marzu 2008 u/jew fis-sitt xhur ta' qabel.

Ghalhekk in vista ta' din id-diskrepanza bejn ix-xhieda tal-Ispettur Victor Aquilina u ta' WPS 12 Andrea Grech, il-Qorti ma tistax la tistrieh esklussivament fuq verzjoni u lanqas fuq ohra, u dan in vista tal-fatt illi mill-atti m'hemm l-ebda prova ohra li turi li fil-fatt l-imputat forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina. Ma ngabet ebda prova ohra per ezempju, f'forma ta' xhieda da parti ta' terzi persuni li xtraw id-droga minghand l-imputat jew xhieda okulari li raw lill-imputat ibiegh id-droga eroina.

Ghaldaqstant ma jirrizultax ippruvat sodisfacjentement lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat forna jew ipprokura d-droga eroina jew offra li jforni jew li jipprokura din id-droga fid-dati indikati fl-ewwel imputazzjoni.

b) *Pussess ta' droga eroina f'cirkustanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta’ Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, “*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi “hard and fast rule”x’inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b’ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*”.

Illi jirrizulta mill-provi fuq riprodotti illi l-imputat ta zewg verzjonijiet differenti dwar il-kwantita` ta’ droga li huwa kien jikkonsma kuljum u dwar id-dhul tieghu mix-xoghol li kien jaghmel dak iz-zmien.

Skond l-istqarrija tieghu, l-imputat kien jikkonsma madwar 0.3 grammi kuljum. Kull meta kien jixtri d-droga, huwa kien jixtri 5 grammi u kien jixtri darbtejn jew tlieta fix-xahar, skond meta tispiccalu. Dan ifisser, skond dak li qal fl-istqarrija tieghu, li huwa kien jikkonsma madwar 9 grammi fix-xahar u jixtri bejn 10 grammi u 15-il gramma fix-xahar. L-ahhar darba li kien xtara droga, huwa hallas Lm60-il gramma u b’kollox (ghal hames grammi) hallas ghalhekk Lm300 ossia €698.

Bhala dhul mix-xoghol tieghu, liema dhul ma kienx wiehed fiss, huwa kellu bejn Lm130 u Lm150 fil-gimgha. Isegwi illi huwa kien idahhal bejn Lm520 u Lm600 fix-xahar.

Fl-ahjar ipotesi, ghalhekk, l-imputat kien jonfoq Lm600 fix-xahar (5 grammi x darbtejn fix-xahar x Lm60) u fl-aghar ipotesi, huwa kien jonfoq Lm900 fix-xahar (5 grammi x tlett darbiet fix-xahar x Lm60). F’dawn ic-cirkostanzi, anke jekk l-imputat kien idahhal l-oghla ammont indikat minnu, ossia Lm600 fix-xahar, huwa tassew inverosimili illi l-

imputat ma kellux dhul iehor minn banda ohra sabiex imantni l-vizzju tieghu.

Illi in oltre, li kieku l-imputat kien iqassam id-droga f'pakketti sabiex isibhom lesti ghall-uzu tieghu, u ma joqghodx jizen kuljum, kif qal fl-istqarrija tieghu, wiehed jippretendi illi l-qratas misjuba fuqu jkunu jammontaw bejn wiehed u iehor ghal 0.3 gramma eroina. Madankollu, apparti l-borza li nstabet fiha 2.31 gramma (li jista' jkun li kienet ghadha ma gietx maqsuma mill-imputat), il-qratas l-ohra kien fihom 0.68 gramma, 0.23 gramma, 0.21 gramma u 0.17 gramma. Ghalkemm iz-zewg qratas bil-piz ta' 0.23 gramma u 0.21 gramma huma vicin l-ammont ta' droga li jghid li kien jiehu l-imputat, it-tnejn l-ohra – dawk ta' 0.68 gramma u ta' 0.17 gramma ma jiggustifikawx l-ispjegazzjoni tieghu.

Fil-verzjoni li ta l-imputat meta xehed quddiem din il-Qorti, imbaghad, l-imputat ddecieda illi jbiddel din il-verzjoni li ta fl-istqarrija tieghu u jawmenta b'mod ferm sostanzjali l-ammont ta' droga li, skond hu, kien jabbuza minnu dak iz-zmien.

Meta mistoqsi mill-Qorti kemm kien jiehu eroina kuljum, huwa wiegeb "*jien naf, 3 grams*"[52]. Qal ukoll illi mhux dejjem kien jiehu tlett grammi, imma gieli hadhom kuljum. Kien jixtri madwar 5 grammi kull darba li jixtri u kien jixtri kull jumejn, ghalkemm gieli kien jixtri qabel u gieli wara u gieli kien jixtri kull tlett ijiem, ghaliex "*ma kellix habit ezatt*"[53]. Kien jixtri skond kemm idahhal flus. Qal ukoll meta rega' gie mistoqsi, illi d-droga li nstabet fuqu kien ghadu kemm xtraha u kienet ser isservih bejn wiehed u iehor ghal dakinhar stess u ghall-ghada ossia jumejn.

Dwar id-dhul tieghu mit-trobbija tal-grieden, l-imputat qal li dan kien jiddependi mill-ordnijiet li kien ikollu, izda gieli qala' Lm 300 jew Lm 400 fil-gimgha.

---

[52] A fol. 51 tal-process.
[53] A fol. 53 tal-process.

Issa ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu jghid illi l-vizzju tieghu ma kienx wiehed preciz u li ghalhekk gieli kien jiehu 3 grammi kuljum u gieli inqas, jghid ukoll illi d-droga li nstabet fuqu kien ghadu kif xtraha u kienet ser isservih jumejn.  Fuqu nstabet 3.6 gramma eroina.  La darba huwa xehed illi kien jixtri 5 grammi eroina, dan ifisser li l-imputat jew kien utilizza minnha dakinhar stess izjed kmieni, jew fil-gurnata ta' qabel u li ghalhekk id-droga kienet ser isservih jew jumejn jew massimu tlieta (kemm il-darba kien xtraha fil-jum ta' qabel).

Illi anke jekk – tenut kont tal-fatt illi l-imputat qal illi l-vizzju tieghu ma kienx wiehed preciz - ghall-grazzja tal-argument, wiehed jassumi illi l-imputat kien jixtri mhux kull jumejn jew tlieta (kif sostna hu), izda kull erbat ijiem (li jfisser ghalhekk illi l-imputat kien jutilizza 1.25 gramma kuljum (ammont ferm inqas minn dak li jindika l-imputat) u wiehed jassumi wkoll illi minflok Lm60 kull gramma (kif jghid fl-istqarrija tieghu), huwa kien jixtri gramma bi prezz izjed baxx ta' Lm50 kull gramma, dan ifisser illi l-imputat kien jonfoq Lm1,875 fix-xahar ossia madwar Lm468.75 fil-gimgha.  U dan meta l-imputat jghid illi huwa gieli dahhal Lm300 jew Lm400 fil-gimgha.  Dan apparti illi f'dan ir-rigward l-imputat *verbatim* jghid "*gieli nahseb qlajt Lm300 jew Lm400 dak iz-zmien fil-gimgha*"[54] – li jfisser li dan ma kienx introjtu fiss tal-imputat u li x'aktarx fil-fatt kien hemm drabi meta dahhal inqas.

Illi ghalhekk anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni ammonti ferm izghar ta' droga minn dak li jsostni l-imputat bhala ammonti li kien jabbuza minnhom ta' kuljum, jirrizulta li l-imputat b'dak li ddikjara li kien jaqla' – u terga' u tghid dan id-dhul huwa ferm ikbar milli dak originarjament iddikjarat mill-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu – ma seta' qatt isostni l-vizzju tieghu minghajr ebda introjtu iehor.

Meta mistoqsi mill-Qorti kemm kien iqieghed droga f'kull qartas, l-imputat jghid li bejn wiehed u iehor gramma kien

[54] A fol. 54 tal-process.

jaqsamha fi tlieta. Madankollu lanqas dan ma jiggustifika l-piz misjub f'kull qartas.

Mhux biss, izda ghalkemm l-imputat jipprova jiggustifika s-sejbien tal-mizien fir-residenza tieghu, billi jghid illi huwa kien jaqsam id-droga fi qratas sabiex hu jkun jaf x'qed jiehu u biex ghalhekk ma jiehux *overdose,* jghid ukoll illi huwa ma kienx jizen id-droga kuljum biex ommu ma taqbdux. Izda frankament la darba l-imputat jghid illi huwa kien jiehu madwar tlett grammi eroina kuljum u kien jixtri hames grammi bejn wiehed u iehor kull jumejn, il-Qorti ma tarax x'sens kien jaghmel ghall-imputat li joqghod jizen l-eroina u jaqsamha f'pakketti zghar. U jekk l-imputat kien ghadu kemm xtara l-eroina li nstabet fuqu u li din kienet ser isservih sal-jum ta' wara li nqabad, kif qal hu stess, dan ifisser illi kien ghadu kemm wizen din l-eroina l-gurnata ta' qabel (ghaliex dak il-lejl huwa jghid li raqad ghand it-tfajla) u li jew dakinhar stess jew l-ghada kien ser ikollu jerga' jizen izjed droga. Ghalhekk lanqas ma tregi l-gustifikazzjoni tal-imputat li huwa kien jaqsam l-eroina li kien jixtri f'pakketti izghar sabiex ma joqghodx jizen id-droga kuljum biex ommu ma taqbdux.

In oltre, l-imputat jghid illi huwa kien johrog id-droga mieghu biex ma jhallihiex id-dar u dan sabiex ommu ma ssibhiex. Madankollu, ghalkemm fir-residenza tal-imputat ma nstabet ebda droga, instabu varji oggetti ohra relatati mal-abbuz tad-droga *inter alia* hames siringi tal-5ml u tnejn u ghoxrin labra ta' siringi mhux uzati, apparti oggetti ohra bhal mizien u *citric acid*. Lanqas din il-gustifikazzjoni tal-imputat ghalhekk ma tant tregi, ghaliex ommu setghet facilment tinduna illi binha kien qed jabbuza mid-droga mhux biss bis-sejbien tal-istess droga, izda anke bis-sejbien ta' dawn l-oggetti.

Cirkostanza ohra li timmilita kontra dak li jghid l-imputat ossia illi d-droga misjuba fuqu kienet fl-intier taghha, ghall-uzu personali tieghu, hija s-sejba ta' 0.1 gramma trab ta' lewn kannella car li kien fih is-sustanzi tal-*Paracetamol* u l-*Caffeine.* Ghalkemm dawn m'humiex sustanzi kkontrollati mil-ligi, madankollu, huwa maghruf illi dawn it-tip ta' sustanzi jigu mizjuda ma' sustanzi illeciti bhal

eroina, sabiex din tal-ahhar izzid fil-piz. Ma jaghmilx sens illi l-imputat kien huwa stess jixtri l-eroina ghalih inniffsu u joqghod ihallat maghha, ghalih stess, dawn is-sustanzi, hlief jekk mhux ghaliex kellu l-iskop li jbiegh minnhom lil terzi.

Irid jinghad ukoll illi minkejja illi l-imputat ta zewg verzjonijiet differenti ta' l-ammont ta' droga li huwa kien jikkonsma kuljum, kif ukoll tad-dhul tieghu fil-gimgha, il-Qorti fliet bir-reqqa z-zewg verzjonijiet moghtija mill-imputat u ghar-ragunijiet fuq spjegati, ma jidhrilhiex illi l-imputat irnexxilu juri, lanqas sal-grad tal-probabbli, illi fil-fatt id-droga kienet ghall-uzu esklussiv tieghu. In oltre hemm cirkostanzi bizzejjed biex iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li d-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-imputat u li c-cahda tieghu dwar dan mill-istess imputat, f'dawn ic-cirkostanzi, mhijiex attendibbli.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti diga` ssib bizzejjed provi li jwassluha sal-konvinciment morali illi d-droga misjuba fuq l-imputat ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Madankollu jrid jinghad ukoll illi dak li stqarr l-imputat mal-Ispettur Aquilina, fil-presenza ta' WPS 12 Andrea Grech u tal-Ispettur Stephen J. Gatt, huwa ta' relevanza wkoll ghall-fini ta' din l-imputazzjoni. Ghalkemm kif inghad izjed il'fuq fil-kuntest tal-ewwel imputazzjoni, hemm dubbju dwar dak li qal l-imputat ossia jekk qalx li huwa kien ibiegh 0.25 gramma eroina bil-prezz ta' Lm15 (skond il-verzjoni li ta l-Ispettur Aquilina) jew inkella li d-droga misjuba fuqu f'dan il-kaz kienet intiza sabiex tinbiegh (kif xehdet WPS 12 Andrea Grech) – din l-ammissjoni tal-imputat l'hemm jew l'hawn, ghalkemm wahedha minhabba d-differenza fiz-zewg verzjonijiet, ma twassalx ghall-konvinciment morali dwar traffikar, madankollu fil-fehma tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha l-ohrajn tal-kaz, tista' titqies bhala cirkostanza ohra li turi li fil-fatt id-droga li nstabet ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Illi jrid jinghad ukoll illi din l-imputazzjoni tirreferi ghall-1 ta' Marzu 2008 u ghas-sitt xhur ta' qabel din id-data. Ghalkemm huwa probabbli illi l-imputat kien ilu jimxi b'dan il-*modus operandi* ghal zmien twil u dan stante illi hu stess

jghid illi kien ilu jabbuza mid-droga eroina ghal dsatax-il sena, madankollu, fil-kamp kriminali wiehed ma jistax jimxi fuq dak li huwa probabbli jew dak li jista' jkun. L-unika konkluzjoni li tista' tasal ghaliha din il-Qorti, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, a bazi tal-provi mressqa quddiemha, hija li l-imputat huwa hati ta' pussess aggravat b'referenza biss ghall-1 ta' Marzu 2008, izda mhux ghas-sitt xhur ta' qabel din id-data.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-ligi, izda biss ghal dak li jirrigwarda l-1 ta' Marzu 2008.

c) *Pussess semplici tad-droga eroina*

Illi mill-provi prodotti u minn ammissjoni stess tal-imputat, ma jirrizulta ebda dubju illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina u li d-droga misjuba fuqu kienet ukoll ghall-uzu personali tieghu. Fil-fatt l-imputazzjoni li wiehed ikollu pussess ta' droga li tinsab f'tali cirkostanzi li juru li din ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, ma teskludi bl-ebda mod l-imputazzjoni ta' pussess semplici tal-istess droga, ghaliex wiehed jista' jkollu intenzjoni li juza' parti mid-droga ghalih inniffsu, fil-waqt illi jbiegh parti minnha lil terzi

Illi in vista tal-provi migjuba, din il-Qorti hija sodisfatta illi din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi u dan fir-rigward tal-1 ta' Marzu 2008 u s-sitt xhur ta' qabel din id-data.

d) *Recidiva ai termini tal-Artikolu 49 u 50*

Illi jirrizulta illi fit-30 ta' Settembru 2004, l-imputat kien instab hati minn din il-Qorti, diversament preseduta, ta' pussess aggravat ta' droga eroina u kien inghata piena ta' hames xhur prigunerija u multa ta' Lm67.[55]

[55] Is-sentenza tinsab esebita a fol. 16 u 17 tal-process.

Ghaldaqstant anke din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi.

## Konsiderazzjonijiet Dwar Piena

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputazzjoni (c) hija assorbita fl-imputazzjoni (b) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jirrigwarda l-1 ta' Marzu 2008, stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat ta' droga eroina.

Il-Qorti applikat ukoll l-Artikolu 17(f) fir-rigward tal-piena ta' multa li hija wahda tassattiva fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u ghal piena ta' multa li qeghda tigi erogata fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur, fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda ghaldaqstant, tnaqqas il-piena dwar prigunerija b'zewg gradi u dwar piena pekunjarja, b'nofs ai termini tal-istess artikolu.

In oltre ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-kwantita` ta' droga misjuba ossia illi t-trab li nstabet fih is-sustanza eroina kellu ammont nett totali ta' 3.60 grammi, b'purita` medja ta' cirka 4.2%, liema purita` skond l-Ispizjar Mifsud hija wahda baxxa.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat[56], mil-liema jirrizulta illi l-imputat instab hati dwar reati relatati ma' droga f'hames okkazzjonijiet differenti. F'zewg okkazzjonijiet, huwa instab hati ta' pussess aggravat ta' droga eroina u nghata termini ta' prigunerija effettiva, fil-waqt illi fl-okkazzjonijiet l-ohrajn huwa nghata Ordni ta' *Probation* jew liberazzjoni kundizzjonata.

[56] A fol. 68 sa 70 tal-process.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat (kif jghid hu stess kemm fl-istqarrija, kif ukoll fix-xhieda tieghu) kien ilu jiehu d-droga eroina minn meta kellu tnax-il sena u li ghalhekk kien ilu jabbuza mid-droga madwar dsatax-il sena meta nqabad mill-pulizija f'dan il-kaz. Il-Qorti qieset illi minkejja li l-imputat ma ressaqx provi fis-sens illi huwa dahal f'xi programm sabiex jirrajibilita ruhu mill-vizzju tad-droga, huwa ressaq lil Mark Alamango bhala xhud tad-difiza. Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, Mark Alamango xehed illi huwa jahdem bhala *Manager* gewwa Amigos, Sliema, fejn ilu jahdem ghal hames snin. Huwa qal illi l-imputat ilu jahdem fl-istess post madwar tlett snin u nofs u li huwa wiehed mill-aqwa impjegati. Huwa xehed ukoll illi l-imputat huwa affidabbli hafna, dejjem imur ghax-xoghol fil-hin u li bena s-sistema tad-*delivery*.[57] Ghalhekk jidher illi l-imputat qabad it-triq it-tajba u ghamel progress f'hajtu.

Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, "*Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero` meta si tratta ta' reati serji bhalma huma t-traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni*". Din il-Qorti ghalhekk fil-waqt illi sejra taghti izjed piz lill-element ta' deterrent fil-konsiderazzjoni taghha dwar il-piena, ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-progress li donnu ghamel l-imputat f'hajtu.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 17(f) u (h), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet

---

[57] A fol 60 tal-process.

(b), (c) u (d) migjuba fil-konfront tieghu, fil-waqt illi ma ssibux hati tal-imputazzjoni (a) u tilliberah minnha u tikkundannah ghall-piena ta’ **tmintax-il xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom u **multa ta’ elf u mitt Euro (€1,100)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossia is-somma ta’ erba’ mija, seba’ u sebghin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€477.88), rapprezentanti drittijiet tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument VA2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali - Not To Put On Web >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------